

**RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1902 TAL-PARLAMENT EWROPEW****tal-10 ta' Mejju 2023****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) għas-sena finanzjarja 2021**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2021,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0113/2023),
- A. billi skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha <sup>(1)</sup>, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2021 kien jammonta għal EUR 105 774 716,82, li jfisser żieda ta' 9,36 % meta mqabbel mal-2020; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni u l-introjtju operatorju;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2021 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

**Ġestjoni baġitarja u finanzjarja**

1. Jinnota b'apprezzament li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2021 irriżultaw f'implimentazzjoni tal-baġit ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena kurrenti ta' 99,67 %, li tirrappreżenta żieda żgħira ta' 0,78 %, meta mqabbla mal-2020 u rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament tas-sena kurrenti ta' 97,32 %, li tirrappreżenta żieda ta' 1,24 %;
2. Jinnota b'apprezzament mis-segwitu li nġhata għall-kwittanza tal-2020 li l-miżuri differenti meħuda biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-pagamenti tard irriżultaw frata baxxa ħafna ta' pagamenti tard ta' 0,56 % fl-2021; jinnota, barra minn hekk, li fl-2021 ntlaħqu ż-żewġ miri ta' aktar minn 95 % ta' eżekuzzjoni għall-Approprjazzjonijiet ta' Impenn u ta' inqas minn 5 % ta' kanċellazzjoni għall-Approprjazzjonijiet ta' Pagament;

**Prestazzjoni**

3. Jinnota li l-Aġenzija tuża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex tkejjel l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tagħha fl-oqsma ewlenin li l-Aġenzija tikkontribwixxi għalihom (is-sostenibilità u l-assistenza teknika, is-sikurezza, is-sigurtà, is-servizzi diġitali u s-simplifikazzjoni u s-sorveljanza), u l-attivitajiet orizzontali tagħha; jinnota li minkejja r-restrizzjonijiet persistenti maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19, l-oġettivi stabbiliti għall-2021 intlaħqu b'mod ġenerali permezz ta' livell għoli ta' implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali;
4. Jinnota li l-Aġenzija kkooperat mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent fuq analiżi tad-dimensjoni ambjentali tas-settur tat-trasport marittimu, li rriżultat fil-pubblikazzjoni tal-ewwel Rapport Ambjentali dwar it-Trasport Marittimu Ewropew; jinnota li, minħabba l-prossimità ġeografika tagħhom, l-Aġenzija tikkoopera mal-EMCDDA; jieħu nota, barra minn hekk, tal-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz mal-EFCA fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' riserva għall-funzjoni tal-kontabilità;
5. Jilqa' l-fatt li, mill-2017 'l hawn, l-arranġament ta' ħidma tripartitiku bejn l-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ħadem sew; iqis li dan l-arranġament jikkontribwixxi eżempju ta' sinerġija bejn l-aġenziji tal-UE li għandu jservi ta' ispirazzjoni għall-aġenziji

(<sup>1</sup>) ĠU C 141, 29.3.2022, p. 72.

f'oqsma oħra; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha f'dak ir-rigward u jqis li huwa xieraq li tizzied ukoll il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd sabiex tinġabar data għar-riċerka xjentifika dwar l-ekosistemi tal-baħar;

6. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija għadha timplimenta żewġ proġetti ta' kooperazzjoni għal assistenza teknika ma' pajjiżi terzi tal-Baħar Mediterran (SAFEMEDIV) u l-Baħar l-Iswed u l-Baħar Kaspju (BCSEA); iqis li dawn il-proġetti ma' pajjiżi terzi huma eżempju tajjeb ta' kooperazzjoni biex jittejbu s-sikurezza marittima, il-protezzjoni marittima u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha f'dak ir-rigward u tikkunsidra kooperazzjoni simili ġdida ma' pajjiżi terzi;
7. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija għadha sieħeb importanti għall-Kummissjoni u għal Stati Membri f'dak li huwa żvilupp ta' standards tas-sikurezza marittima, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-trasport marittimu tal-UE; ifaħħar ukoll l-assistenza teknika u operattiva li tipprovdi l-Aġenzija;
8. Jilqa' b'mod partikolari r-rwol akbar tal-Aġenzija fil-valutazzjoni, il-verifika u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà marittima, li kibret mas-snin, filwaqt li d-domanda għall-appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA mistennija tkompli tizzied, minħabba prijorità dejjem akbar li tingħata fil-livell tal-UE;
9. Jissottolinja r-rwol tal-Aġenzija fil-monitoraġġ tal-ilmijiet Ewropej f'kooperazzjoni mal-Istati Membri biex jiġi identifikat tixrid illegali ta' skart u tixrid potenzjali taż-żejt; jistieden lill-Aġenzija tkompli ssaħħaħ is-sorveljanza u kapaċitajiet diġitali tagħha bil-għan li tiġġieled it-tniġġis illegali tal-ilma; jissottolinja l-ħidma li tagħmel l-Aġenzija fl-appoġġ tal-isforzi ta' tiftix u salvataġġ tal-Istati Membri;

### **Politika dwar il-persunal**

10. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2021, it-tabella tal-persunal kienet implimentata sa 99,06 %, bil-ħatra ta' 210 uffiċjali jew aġenti temporanji mit-total ta' 212 awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma 212-il post awtorizzat fl-2020); jinnota li, barra minn hekk, fl-2021 50 aġent kuntrattwali u 13-il espert nazzjonali sekondat ħadmu għall-Aġenzija;
11. Jinnota b'sodisfazzjon li nkiseb bilanċ bejn il-ġeneri fost il-membri tal-maniġment superjuri tal-Aġenzija, fejn 3 minn 5 (60 %) huma nisa; jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri fost il-membri tal-bord ta' amministrazzjoni tal-Aġenzija, fejn 47 minn 65 (72 %) huma rġiel; jinnota wkoll bi tħassib in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-ġeneri fil-livell tal-persunal kollu tal-Aġenzija, fejn 172 minn 268 (64 %) kienu okkupati minn rġiel; jinnota, barra minn hekk, li fl-2021 l-Aġenzija nediet b'suċċess l-inizjattiva Speed Network biex toffri lin-nisa interessati f'pożizzjoni fl-Aġenzija jew f'karriera fis-settur marittimu b'mod ġenerali l-opportunità ta' dialogu informali u qasir ma' membri tal-persunal nisa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri meta jinnominaw lill-membri tagħhom fil-bord amministrattiv tal-Aġenzija;
12. Jinnota li l-Aġenzija għandha politika dwar il-prevenzjoni ta' fastidju psikoloġiku u sesswali, li tinkludi konsulenti kunfidenzjali biex jappoġġjaw lill-persunal kif ukoll sessjonijiet regolari ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni, u informazzjoni ddedikata fuq l-intranet tagħha;

### **Akkwist**

13. Jinnota li fl-2021, inbdew 51 proċedura ta' akkwist (25 proċedura miftuħa, 3 proċeduri nnegożjati speċjali, 4 proċeduri kompetittivi nnegożjati u 19-il proċedura nnegożjati b'valur baxx u b'valur baxx ħafna) u ġew iffirmati total ta' 65 kuntratt;
14. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija emendat 14-il kuntratt speċifiku għall-provvista ta' servizzi, u l-valur totali tal-emendi kien ta' EUR 6,8 miljun, jiġifieri żieda ta' 76 % tal-valur inizjali tal-kuntratti, u li daww l-emendi ma kinux konformi mal-Artikolu 172(3)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jinnota, barra minn hekk, li l-ammonti mħallsa fl-2021 (EUR 5,4 miljun) irriżultaw mill-applikazzjoni tal-prezzijiet unitarji stabbiliti fil-kuntratti qafas rispettivi u kienu fil-limitu massimu oriġinali tal-kuntratt qafas, u li l-emendi inkwistjoni ma bidlux il-bilanċ ekonomiku favur

il-kuntrattur u ma wasslux għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, u b'hekk il-pagamenti riżultanti ma ġewx affettwati; jinnota li, skont ir-risposta tal-Aġenzija, din ħadet miżuri biex temenda l-ispeċifikazzjonijiet futuri tas-sejthiet għall-offerti u l-mudelli tal-kuntratti kif xieraq; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar kull żvilupp f'dak ir-rigward;

### **Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitti ta' interess u trasparenza**

15. Jirrikonoxxi li l-Aġenzija tuża d-dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess għall-membri tal-bord amministrattiv u għall-maniġment superjuri tagħha; jinnota barra minn hekk, li jiġu ffirmati dikjarazzjonijiet partikolari addizzjonali ta' kunflitti ta' interess, bħal dik għall-membri f'bordijiet ta' reklutaġġ; jinnota, barra minn hekk, li l-Aġenzija għandha għadd ta' politiki u proċeduri fis-seħħ biex tidentifika u tevita kunflitti ta' interess, u li implimentat regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, inkluż taħriġ regolari;
16. Jinnota b'apprezzament li l-Aġenzija żviluppata u implimentat, f'Marzu 2022, ir-"Regoli dwar ir-Reġistru tat-Trasparenza tal-EMSA" interni tagħha u tipparteċipa fil-ftehim interistituzzjonali li għadu kif ġie stabbilit dwar reġistru ta' trasparenza obbligatorju għar-rappreżentanti tal-interessi, iffirmit mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament;
17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli aktar sistematiki dwar it-trasparenza, l-inkompatibbiltajiet, il-kunflitti ta' interess u l-lobbjar illegali; jistieden lill-Aġenzija ssaħħa il-mekkaniżmi ta' kontroll intern tagħha, inkluż l-istabbiliment ta' mekkaniżmu intern kontra l-korruzzjoni;

### **Kontroll intern**

18. Jinnota li l-verifika tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) dwar il-"governanza tal-IT u l-ġestjoni tal-portafoll tal-IT" twettqet mill-bogħod fl-2021, u li l-IAS ikkonkluda li minħabba r-ristrutturar tal-ICT f'dipartiment wieħed, l-Aġenzija b'mod ġenerali fasslet u implimentat sistemi effiċjenti u effettivi ta' ġestjoni u kontroll għall-arranġamenti tagħha fil-qasam tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni; barra minn hekk, jinnota li l-IAS ħareġ sitt rakkomandazzjonijiet li għalihom l-Aġenzija ħarġet pjan ta' azzjoni; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar kull żvilupp f'dak ir-rigward;
19. Jilqa' l-fatt li fl-2021 is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri ma ħarġux rakkomandazzjonijiet jew kummenti kritiċi li jstgħu jwasslu għal riżerva fid-dikjarazzjoni annwali ta' assigurazzjoni; jinnota li fl-2021 kien hemm rakkomandazzjoni waħda relatata ma' investigazzjoni tal-OLAF li qiegħda fil-proċess li tiġi segwita;
20. Jinnota l-valutazzjoni annwali dwar is-sistema ta' kontroll intern imwettqa mill-Aġenzija u l-konklużjoni tagħha li l-prinċipji ta' kontroll intern kollha u l-ħames komponenti ta' kontroll intern ġew implimentati b'mod adegwat u huma effettivi b'mod ġenerali, li huwa meħtieġ biss titjib żgħir, u li ma ġiet irrapportata l-ebda dgħufija sinifikanti fil-kontroll;

### **Diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika**

21. Jinnota li l-Aġenzija kompliet l-attivajiet ta' diġitalizzazzjoni li għaddejjin bħalissa biex tappoġġja l-oġettivi taċ-ċertifikazzjoni elettronika ħalli tiffaċilita l-ħidma tal-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom bħala Stati tal-bandiera, tal-port u tal-kosta, u li għenet lill-Kummissjoni tħejji l-valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(?)</sup> u d-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(?)</sup> dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera, li jipprevedu l-inklużjoni ta' Ċertifikati elettroniċi; jemmen li l-Aġenzija jista' jkollha rwol ta' koordinazzjoni fl-iżgurar tas-sikurezza fil-portijiet Ewropej u tista' tgħin lill-Kummissjoni biex taħdem fuq implimentazzjoni effettiva;
22. Jieħu nota tal-varar tal-Istrateġija dwar il-Cloud tal-Aġenzija li tippermetti l-ħolqien ta' ambjent teknoloġiku mill-aktar avvanzat li jaċċelera s-servizzi diġitali marittimi; ifaħħar l-iżvilupp tal-Maritime Picture u l-fatt li s-SafeSeaNet il-ġdida saret operattiva;

(?) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

(?) Id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132).

23. Iħeġġeġ l-isforzi tal-Aġenzija diretti lejn l-għoti ta' kontribut lill-aġenda ekoloġika Ewropea għat-trasport marittimu permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni li tiproteġi l-ambjent tal-baħar u tiġġestixxi t-tibdil fil-klima anki permezz tal-bidla lejn mobiltà sostenibbli, bil-kontribut tat-trasport marittimu rifless fl-Istrateġija għal Mobiltà Sostenibbli u Intelliġenti adottata f'Diċembru 2020; ifakkar, barra minn hekk, fir-rwol li l-Aġenzija tista' tiżvolġi biex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' valutazzjoni tar-riskju fl-oqsma tas-sikurezza, anki għal dak li jirrigwarda l-użu ta' infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi;
24. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija kompliet timplimenta l-istrateġija 2020-2024 tagħha, peress li dan se jippermetti l-Aġenzija twestaq il-kompiti ta' sorveljanza, sikurezza u sigurtà marittima tagħha filwaqt li tikkontribwixxi b'mod effiċjenti għall-prijoritajiet diġitali u ambjentali tal-Unjoni; jilqa' b'mod partikolari l-fatt li l-Aġenzija - flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent - ippublikat l-ewwel Rapport Ambjentali dwar it-Trasport Marittimu Ewropew, li jiġbor informazzjoni verifikata dwar l-impronta ambjentali tal-attivitajiet tat-trasport marittimu; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-miżuri klimatiċi u ambjentali futuri kollha jridu jkunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt profonda u jfakkar li approċċ globali għal dak li jirrikonoxxi li t-tnaqqis tal-emissjonijiet marittimi permezz tal-IMO huwa kruċjali;
25. Jemmen li l-Aġenzija għandha rwol importanti x'tiżvolġi biex tagħmel l-ilmijiet Ewropej mhux biss aktar sikuri, iżda anki aktar sostenibbli u li jikkontribwixxu għall-aġenda ekoloġika; jilqa' l-adozzjoni tal-Politika Ambjentali tal-EMSA u l-pilastri u l-obiettivi strateġiċi għas-snin ta' wara permezz tat-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li tiproteġi l-ambjent tal-baħar, timmaniġġja t-tibdil fil-klima inkluż permezz tal-bidla għal mobiltà sostenibbli; iħeġġeġ lill-Aġenzija tiżviluppa miżuri biex tnaqqas l-użu tal-plastik abbord il-vapuri;
26. Jissottolinja r-rwol tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni b'suċċess tat-tranżizzjoni lejn trasport marittimu bi fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; ifaħħar f'dan ir-rigward il-kontribut li tat l-Aġenzija permezz ta' appoġġ tekniku u data teknika għal inizzjattivi relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inklużi l-inizzjattiva FuelEU Maritime, l-inizzjattiva tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero u l-ħidma fl-IMO dwar l-effiċjenza enerġetika u l-intensità ta' karbonju; jenfasizza r-rwol li l-Aġenzija jista' jkollha għall-użu ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi u għall-użu ta' teknoloġiji għall-propulsjoni tar-riħ, kif ukoll għall-impjanti tal-enerġija rinnovabbli fuq il-baħar; jisħaq, għaldaqstant, li jistgħu jsiru aġġustamenti f'dan is-sens għall-mandat tal-Aġenzija sabiex l-Aġenzija tkun tista' ssaħħaħ l-appoġġ tagħha, possibbilment billi jiġu previsti rizzorsi baġitarji suffiċjenti;
27. Jinkoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji ġodda (Intelliġenza Artifiċjali u Tagħlim Awtomatiku) u l-evoluzzjoni futura potenzjali tal-prototip tal-Għodda għall-Analitika Marittima (EMAT) tal-EMSA ppreżentata waqt is-sessjoni ta' ħidma tas-servizzi diġitali marittimi tal-Aġenzija li saret fil-15 ta' Diċembru 2021; jistieden lill-Aġenzija sabiex tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza f'dak ir-rigward;
28. Jinnota b'apprezzament li, matul l-aħħar kwart tal-2021, l-Aġenzija bdiet proġett għall-implimentazzjoni tal-istandard ISO 27.001 (dwar il-ġestjoni tas-Sigurtà tal-Infurmazzjoni) bi tħejjija għar-regolamenti li ġejjin dwar iċ-Ċibersigurtà u s-Sigurtà tal-Infurmazzjoni; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-iżviluppi f'dak ir-rigward;
29. Iħeġġeġ lill-Aġenzija taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u maċ-CERT-UE (l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej), u twestaq, b'mod regolari, valutazzjonijiet tar-riskju dwar l-infrastruttura tal-IT tagħha u tiżgura li jsiru awditi u testijiet b'mod regolari tad-difiżi ċibernetiċi tagħha; jissuġġerixxi li jiġu offruti programmi ta' taħriġ relatati maċ-ċibersigurtà aġġornati regolarmnt lill-membri kollha tal-persunal kollu fi ħdan l-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tiżviluppa aktar malajr il-politika tagħha taċ-ċibersigurtà, twassalha qabel il-31 ta' Diċembru 2023 u tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza;
30. Jinnota li fl-2021 l-Aġenzija pproċediet bl-implimentazzjoni tal-ġestjoni ambjentali tagħha, u ħejjiet u adottat l-ewwel Dikjarazzjoni Ambjentali tagħha; Jieħu nota b'apprezzament tal-attivitajiet u l-proġetti ta' ekoloġizzazzjoni tal-Aġenzija fl-2021, bħall-iżgurar li l-enerġija li tuża toriġina minn sorsi ekoloġiċi li huma rinnovabbli 100 %, l-installazzjoni minnha ta' pannelli solari fotovoltaiċi, il-politika tagħha tal-uffiċċji mingħajr karti, u l-isforzi tagħha biex tnaqqas il-konsum tal-ilma;

31. Jinnota li l-awditu intern fir-rigward tar-reġistrazzjoni taħt l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE sar f'Ġunju 2021 u li l-ewwel parti tal-awditu estern taċ-ċertifikazzjoni għar-reġistrazzjoni EMAS sar f'Novembru 2021; jinnota b'sodisfazzjon, li l-awditu estern tlesta fl-2022 u li l-Aġenzija issa hija rreġistrata fl-EMAS u d-dikjarazzjoni ambjentali tagħha tiġi ppubblikata;

#### **Kontinwità tan-negozju matul il-kriżi tal-COVID-19**

32. Jinnota li l-pandemija għaġġlet l-integrazzjoni ta' serje ta' għodod u metodi fl-Aġenzija biex ix-xogħol ikun jista' jkompli mill-bogħod, minn xandir dirett għal teknoloġija ta' realtà virtwali u sat-tekniki ta' awditjar mill-bogħod; iħeġġeġ lill-Aġenzija biex tqiegħed fil-prattika t-tagħlimiet rigward il-metodi ta' ħidma ibridi u mill-bogħod, sabiex tirrikonoxxi aħjar il-laqgħat u l-kompiti li jistgħu jsiru b'mod aktar effiċjenti mill-bogħod pjuttost milli wiċċ imb wiċċ; jinnota, barra minn hekk, li l-persunal li jittratta l-funzjonijiet direttament affettwati mir-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar tal-COVID-19, bħar-rimborżi tal-esperti u tal-missjonijiet, ġie assenjat temporanjament biex iwettaq dmirijiet oħra u biex ikopri assenzi tal-persunal; jinnota, ukoll, li numru ta' riskji u opportunitajiet ġodda identifikati relatati ma' din il-kriżi tas-saħħa kbira ġew identifikati u inklużi fir-reġistri tar-riskji aġġornati;
33. Jieħu nota b'apprezzament tar-rapport tal-Aġenzija "L-impatt tal-COVID-19 fuq is-Settur Marittimu fl-UE", li pprovda ħarsa ġenerali fil-fond tal-impatt tal-pandemija fuq it-tbajhir fir-rigward tat-traffiku, il-kummerċ, il-Bnadar tal-UE u s-sjieda, il-bini tal-bastimenti, l-ispezzjonijiet tas-sikurezza u dawk ambjentali, kif ukoll taqsimiet speċifiċi bħall-kruċieri u l-passiġġieri;

#### **Kummenti oħra**

34. Itenni t-talba tiegħu lill-Aġenzija biex iżżid id-disponibbiltà lingwistika tas-sit web tagħha f'lingwi oħra apparti l-Ingliż; iqis li diversità lingwistika akbar tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni għaċ-ċittadini Ewropej u b'hekk ittejjeb il-fehim u l-għarfien tagħhom tal-azzjoni tal-Unjoni Ewropea f'termini ta' sikurezza marittima;
35. Jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Aġenzija tal-Ħarsa Ġenerali Annwali tagħha dwar id-Diżgrazzji u l-Inċidenti Marittimi 2021 li tippreżenta data statistika dwar id-diżgrazzji u l-inċidenti marittimi għall-perjodu 2014-2020;
36. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 (\*) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

---

(\*) Testi adottati, P9\_TA(2023)0190.